MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1801/2001/1

**International Trading Company Limited**

**Vs**

**Tumas Group of Companies Limited u b' digriet tal-14 ta' Novembru 2002 il-kliem Tumas Group of Companies Limited gew sostitwiti bil-kliem St. Andrews Hotels Limtied**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' Lm948.86c (disgha mija u tmienja u erbghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmi) rappresentanti prezz ta' electrical equipment mibjugh u kkonsenjat lill-istess konvenut u minnu accettat u li hu naqas li jhallas.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ April 2001 u bl-imghaxijiet ulterjuri mit- 13 ta’ Novembru, 2000.

Ra n-nota tas-socjeta konvenuta li permezz taghha ammettiet t-talbiet kif dedotti fl-avviz.

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**